# Taqsima 1: L-istaġuni paġna 11

**Għandek bżonn:**

- dada
- gomma żgħira jew biċċa karta żgħira

**Kif tilgħab:**

1. Iddeċiedi min se jibda.
2. Kull persuna tpoġġi l-gomom kollha fuq BIDU.
3. L-ewwel persuna titfa' d-dada.
4. Mexxi l-gomma skont in-numri tad-dada.
5. Aqra l-mistoqsija.
6. Wieġeb il-mistoqsija.
7. Jekk it-tweġiba tajba ieqaf hemm.
8. Jekk ma tafhiex jew ġibtha ħażina, mur lura fejn kont.
9. Jilgħab min imissu.
10. Jirbaħ min jasal l-ewwel fuq TMIEM.

**BIDU**

Kemm hemm xhur fis-sena?

F'liema xahar jiġi l-Milied?

Liema xahar jiġi wara Settembru?

**ERĠA' IBDA MILL-BIDU**

Liema hu l-ewwel xahar tas-sena?

F'liema staġun jiġi l-Għid?

F'liema staġun ikollna l-vaganzi?

**MUR 2 PASSI 'L QUDDIEM**

Liema hu l-aħħar xahar tas-sena?

Liema staġun jiġi qabel Marzu?

**MUR 4 PASSI LURA**

Liema hu l-iktar staġun sħun?

F'liema staġun nieklu l-figolli?

F'liema xahar jiġi San Martin?

**MUR 3 PASSI 'L QUDDIEM**

F'liema staġun nibdew skola?

Kemm hemm staġuni?

Liema xahar jiġi wara Ġunju?

F'liema staġun ikollna ħafna festi?

F'liema staġun jinxef il-weraq?

**TMIEM**

RIŻORSA GĦAL TELESKOPJU 3 © MERLIN PUBLISHERS merlin

# Taqsima 9: Il-maġija paġna 73

## Għandek bżonn:

- flixkun tal-ilma nofsu mimli
- it-tapp tal-flixkun
- ftit żebgħa
- pinzell

## Metodu

1. Iftaħ il-flixkun u żomm it-tapp ħdejk.



2. Bil-pinzell pinġi n-naħa ta' ġewwa tat-tapp biż-żebgħa skont il-kulur li tixtieq.



3. Agħlaq it-tapp.



4. Importanti li żżomm il-flixkun dritt u ma tħawdux qabel ma tagħmel il-maġija.



5. Meta tkun se tagħmel il-maġija quddiem sħabek, urihom il-flixkun nofsu mimli bl-ilma.



6. Staqsihom x'qed jaraw. Imbagħad għid il-kelma maġika u ħawwad il-flixkun sew.



7. U hekk l-ilma se jibdel il-kulur.



**Għandek bżonn:**

- żewġ dadi

**Kif tilgħab:**

1. Kull persuna titfa' żewġ dadi.
2. Għodd in-numri u wieġeb il-mistoqsija li hemm fuq dak in-numru.
3. Jekk jerġa' jiġi l-istess numru, staqsi lil sħabek jiftakrux x'kienet it-tweġiba tiegħek.

